**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 109 – IT-TNEJN, 17 TA' SETTEMBRU 2018 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 108**

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. Fil-paragrafu 4.1 għandha tidħol is-Sinjura Bayliss ipproponiet li tiġi nkluża klawżola fit-tender tal-bulky refuse, li meta jkun hemm il-bżonn għall-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali biss, jitilgħu għall-oġġetti. Ma kienx hemm sekondat.

1.2 Fil-paragrafu 6.3 għandha tidħol is-Sinjura Joan Farrugia fakkret li hemm id-dawl maqtugħ fil-Ġnien Karin Grech. Minflok warden, għandha tidħol il-kelma LESA.

1.3 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 108**

2.1 Fil-paragrafu 6.3 kien hemm qbil li fil-Ġnien Karin Grech għandu jsir flood lighting peress li hemm ħsara fis-sistema tal-elettriku.

2.2 Dwar paragrafu 5.3 is-Sinjura Joan Farrugia tkellmet dwar il-konenitur tal-Wasteserv li qed inqassmu. Għandu jiġi vverifikat meta ser jitqassmu f'San Ġwann.

3 **Pagamenti Numru ~~95~~ 96**

3.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jitwaqqaf pagament numru 18, Premier li huwa l-kuntrattur tal-ġonna peress li mhux sodisfatt bix-xogħol. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu. Għandu jintalab parir mill-Avukat tal-Kunsill.

3.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Ġie innutat li l-Kunsill ġie approvat fondi biex jorganizza korsijet għal komunità fil-First Aid, First Aid għat-tfal, Home Economics u Bullying.

4.2 Kien hemm qbil li tiġi ffirmata d-dikjarazzjoni li l-Kunsill ma jagħmilx balloon releases fl-attivitajiet tiegħu.

4.3 Ġew innutati applikazzjonijiet li daħlu għal post ta' Skrivan mal-Kunsill. Il-Bord ta' l-Evalwazzjoni għandu jikkonsisti minn Marica Bayliss, Trevor Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv. Dawn għandhom jiltaqgħu mal-applikanti fl-24 ta' Settembru 2018.

4.4 Kien hemm diskussjoni dwar it-tenders tal-knis. Kien hemm qbil li għandhom jinħarġu bl-istess kundizzjonijiet bħal ta' qabel.

Is-Sur Mikhail Micallef skuża ruħu mil-laqgħa fis-6.40pm.

4.5 Ġiet innutata proposta mit-TCTC għal korsijiet. Kien hemm qbil li dawn isiru u għandu jsir komunikazzjoni mal-iskola biex tintuża klassi għal dan l-iskop.

5 **Korrispondenza**

5.1 Kien hemm qbil li jsir aċċess għal bobcat mill-passaġġ eżistenti biex issir tindifa tajba fis-soft area ta' Triq Bella Vista.

5.2 Il-Kunsill innota is-schedule ta' ġbir ta' skart kif ġej meta jidħol il-ġbir tal-borża tal-organic.

5.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-smiegħ tal-arbitraġġ ġie diferit għal 5 ta' Novembru 2018. Is-Segretarju Eżekuttiv xehed li l-inċident ma seħħx f'San Ġwann imma f'lokalità oħra.

5.4 Ġiet innutata talba għal zebra crossing fil-parti ta' fuq ta' Triq tas-Sliema. Kien hemm qbil li ssir talba lil TM biex tiġi kkunsidrata zebra crossing f'din il-parti tat-triq.

5.5 Kien hemm qbil li jiġu provduti żewġ mobile toilets għall-attività li ser issir l-iskola mal-Għaqda tan-Nar fit-22 ta' Settembru 2018.

5.6 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-applikazzjoni għall-permess mill-Gaming Authority biex isiru l-logħob tat-tombla fid-Day Centre tal-Kunsill.

5.7 Kien hemm qbil li l-Kunsill jiffinanzja parti mill-attività ta' Skola Sajf. L-ammont approvat hu ta' 200 Ewro.

5.8 Kien hemm qbil li ssir preżentazzjoni taċ-ċertifikati u tokens għal dawk li ħadu sehem fil-Clean Up tal-15 ta' Settembru 2018. Din il-preżentazzjoni għandha ssir fl-24 ta' Settembru 2018.

5.9 Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa' jibda l-Keep Fit classes għar-residenti. Għandu jsir komunikazzjoni mal-iskola biex jintużaw l-faċilitajiet tagħhom.

5.10 Kien hemm qbil li jsir il-ftuħ uffiċjali tal-embellishment tal-picnic area fit-18 ta' Ottubru 2018.

5.11 Ġie innutat l-istedina mill-Kappillan għal Jum il-Parroċċa, il-Ġimgħa, 21 ta' Settembru 2018.

**6 Affarjiet Oħra**

6.1 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet għall-bollard fi Triq Santa Margerita kantuniera ma' Triq il-Fuxa. Ma kienx hemm deċiżjoni.

Is-Sur Neville Mallia skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.10pm.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm peress li ma kienx hemm kworum. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 1 ta' Ottubru 2018 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**